**It-tieni laqgha tas-Sotto Kumitat ta' l-Organizzazzjoni ta' Attivitajiet fin-Nadur**

**Nhar it-Tlieta 15 ta' Mejju 2012 fis-7:00 p.m**

**Preżenti:**

Charles Said, Sindku
Eucharist Camilleri, Viċi Sindku
Maria Natoli, Kunsillier
Miriam Portelli, Kunsillier
Rita Mifsud Attard, Segretarju Eżekuttiv
Joe Zerafa
Raymond Vella
Lucio Debono
Romeo Pace
Antonia Portelli
Andrew Muscat
Sammy Buttigieg
Anton Said
L-Arcipriet Jimmy Xerri
Joseph Vella
Dun Salv Pace
Frans Vella

Ivan Attard u Charlie Xuereb kienu skuzati

-----------------------------------------------------------------------------------------------------

**1.** Il-laqgħa bdiet bit-talba u tmexxiet mis-Sindku.

**2.** **Approvazzjoni ta' Minuti.** Il-minuti ta' l-ewwel laqgħa ġew approvati u iffirmati.

**3.** **Programm**. Reġa ġie diskuss il-programm b'amendi li saru minn l-aħħar laqgħa:

*18 ta' Ġunju 2012 – Ħruġ ta' l-Istatwa minn niċċa.* Wirja ta' statwi antiki ta' San Pietru Pawl (ġie issugerit li jiġu mistiedna t-tfal ta' l-iskola sabiex jaraw din il-wirja). Ser isiru tabelli biex jindikaw lill-publiku li fis-sala tal-Kunsill hemm wirja. Dawn it-tabelli bil-kelma wirja jistgħu jintużaw għall-kull wirja oħra li jtella' il-kunsill minn żmien għal żmien. Il-Kunsill ser jingħata sponsor mill-APS Bank għal din il-wirja.

*19 ta' Ġunju 2012. Jum it-Tfal.* F'din il-ġurnata jkun hemm in-novena tat-tfal fil-knisja. Wara ser issir l-attivita tat-tfal li ser tkun tikonsisti minn logħob u "rides" għat-tfal, kollox b' xejn. Il-Kunsill talab kwotazzjonijiet għal dan il-għan. Fil-bidu l-hsieb kien li din l-attivita issir fl-istess jum li jsiru l-attivitajiet ta' jum iż-żgħażagħ.

*20 ta' Ġunju 2012.* Ser issir parata mill-Banda tal-Forzi Armati, għall-ewwel darba fin-Nadur. Din l-attivita ser issir bil-kolloborazzjoni mal-MEUSAC.

*21 ta' Ġunju 2012. L-Ikla Tradizzjonali.* Gew ikkonfermati Astra Folk Group, Imnarja Folk Group, il-Gozo Boy, u diversi kantanti u zeffiena lokali kif ukoll Kurt Calleja bħala special guest u għana tradizzjonali. Il-prezentaturi ser ikunu Mirelle u Pierre Bonello. Charles Xuereb ġie maħtur bħala stage manager waqt din l-attivita. Ġie ssuġġerut li jkun hemm l-għarus u l-għarusa waqt is-serata. Dun Salv Pace qal li din għandha tkun xi ħaġa serja u mhux jaqgħu għaċ-ċajt. Ser jiġu mistiedna l-karrozzini biex idawru lin-nies mat-toroq tan-Nadur waqt l-attivita. Eucharist Camilleri qal li l-ikla qed tiġi organizzata kmieni ħafna u għalhekk, ħafna emigranti li s-soltu jattendu għal din l-ikla jkunu għadhom ma waslux fostna.

23 u 24 ta' Ġunju 2012. *Wirja Agrarja.* Ser tibda s-serata mill-Banda tal-Boy Scouts tal-Ħamrun. Għandhom jiġu mistiedna L-Andar Folk Group għas-Sibt filgħaxija. Ser ikun hemm ukoll in-Nadur Folk Group u għanneja tradizzjonali. Is-serata ser tinfetah mill-Ministru l-Onor. Chris Said. Is-serata tispiċċa is-Sibt filgħaxija b' kunċert mis-Sopran Georgina Gauci akkumpanjata mill-Mro. Antoine Theuma. Il-Ħadd filgħodu ser ikun hemm Wirja ta' Karrozzi fil-pjazza, marċ mill-Banda Mnarja u l-Folk Group Ta' Ċiangura. Jingħataw it-tifkiriet mill-Ministru l-Onor. Giovanna Debono. Joseph Camilleri ser jiġi avviċinat sabiex jieħu ħsieb il-palk f'dawn il-jumejn.

*25 ta' Ġunju 2012. Kunċert tal-Banda Mnarja*. Ser jittella' l-kunċert tal-Banda Mnarja nhar it-Tnejn 25 ta' Gunju fi Pjazza l-Arċipriet Martin Camilleri. Dan issir bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill.

*29 ta' Ġunju 2012 Tigrija tal-Bhejjem.* It-tiġrija ser issir fis-2:30 ta' wara nofsinhar, fil- parti ta' fuq ta' triq ta' Xhajma ( mill-għajn 'il fuq).

*30 ta' Ġunju 2012. Xalata ta' wara l-Festa.* Il-Kunsill għandu jibgħat ittra lill-għaqdiet tan-Nadur dwar l-erbgħa stands li hemm għall-użu tagħhom bħala fund raising waqt il-wirja agrarja. Dawn jistgħu jiġu armati b'ikel tipikament Malta waqt il-wirja. L-għaqdiet ser jiġu nfurmati wkoll biex minn hu interresat jorganizza x-xalata jagħmel proposta għall-organizzjoni l-attivita. Il-proposta li trid tkun tinkludi divertiment għall-familja kollha . L-aktar proposta oriġinali tiġi magħzula.

Il-laqgħa spiċċat fit-8:15 p.m.

**Charles Said, Sindku** **Rita Mifsud Attard, Segretarju Eżekuttiv**